MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 55/2010

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)

vs

1. Dr. Mark Busuttil LL.D. u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici Kuraturi Deputati nominati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta' assenti Far Fetched Media Limited (C23558) skond digriet tat-3 ta' Settembru 2009.

2. Dr. Renzo Porsella Flores LL.D. u l-PL Luisa Tufigno kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia (I.D. 479962(M) u 436259(M)) rispettivament, skond digriet tat-3 ta' Settembru 2009.

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fl-20 ta' Jannar, 2010, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata datata fl-10 ta' Gunju 2008 Dok. 'A', is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Far Fetched Media Limited;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' Far Fetched Media Limited fis-somma ta' sbatax-il elf, mitejn u sebgha u tletin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€17,237.34) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Current Accounts" tas-socjeta' Far Fetched Media Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2", u "C") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-26 ta' Novembru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' skrittura privata datata fl-10 ta' Gunju 2008 (Dok.D), il-konvenuti Andrew u Elizabeth Farrugia iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Far Fetched Media Limited ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' Far Fetched Media Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument 'A' u 'D') partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Far Fetched Media Limited u Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia;
(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew,
(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta' Far Fetched Media Limited u Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

6. Illi l-konvenuti Dr. Mark Busuttil LL.D. u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta' assenti Far Fetched Media

Limited (C23558) u Dr. Renzo Porsella Flores LL.D. u l-P.L. Luisa Tufigno kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lil Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia (I.D. 479962(M) u 436259(M)) gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati fis-16 ta' Lulju 2009 li kopji taghhom qed tigi hawn esebiti u mmarkati Dok. "E u F", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li il-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tilqa it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A u D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Far Fetched Media Limited u Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta' Far Fetched Media Limited u Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta' Far Fetched Media Limited, u lil Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax-il elf, mitejn u sebgha u tletin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€17,237.34) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Current Accounts" tas-socjeta' Far Fetched Media Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2", u "C") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-26 ta' Novembru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati fis-16 ta' Lulju 2009 li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzu u bir-rizerva ghall-pretensjonjiet ohra tal-attrici kontra l-konvenuti Andrew u

Elizabeth mizzewgin Farrugia li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-bank attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr Mark M Busuttil u il-PL Mario Mifsud Bonnici, li *in forza* taghha huma eccepew:

Illi l-esponenti m'humiex dedotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivati f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr Mark M Busuttil u il-PL Mario Mifsud Bonnici.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr Renzo Porsella Flores u il-PL Luisa Tufigno, li *in forza* taghha huma eccepew:

Illi huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza u hekk kif is-socjeta' attrici tghaddilhom kull taghrif li ghandha dwar Andrew u Elizabeth Farrugia – neqsin minn Malta – huma jaghmlu hilithom biex jaqbdu maghhom, u ghalhekk huma jirrizervaw id-dritt li jressqu twegiba ohra aktar 'il quddiem;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr Renzo Porsella Flores u il-PL Luisa Tufigno;

Ikkunsidrat :

Illi minkejja il-fatt illi l-kuraturi deputati ghamlu l-almu taghhom sabiex jippruvaw jikkomunikaw mal-konvenuti u, fil-kaz tas-socjeta' assenti konvenuta, ippruvaw jinnotifikawha permezz ta' ittra registrata, baqghu ma ircevew l-ebda risposta minghand il-konvenuti u ghalhekk baqghu mhux edotti mill-fatti ta' din il-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Joseph Hollier, Manager mal-Bank of Valletta socjeta attrici, u qal illi mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat odjern baqa ma thallas xejn da parti tal-konvenuti u ghalhekk l-ammont kollu imsemmi fir-rikors guramentat ghadu dovut mill-konvenuti lis-socjeta' attrici.

Illi minkejja illi l-partijiet kollha inghataw il-fakulta sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet kien biss il-kuratur deputat l-Avukat Mark Busuttil illi ipprezenta din in-nota fejn informa lill-Qorti illi l-kuraturi deputati m'humiex edotti mill-fatti;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi, peress illi rat illi l-bank attur irnexxielu jipprova it-talbiet kollha tieghu, il-Qorti qeghda tilqa t-talbiet kollha tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Far Fetched Media Limited u lill-konvenuti Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax-il elf, mitejn sebgha u tletin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€17,237.34) dovuti kif inghad flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-26 ta' Novembru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament;  Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------